

Brussell, 9 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

9942/22

ECOFIN 590
UEM 172
SOC 369
EMPL 248
COMPET 475
ENV 585
EDUC 236
RECH 362
ENER 288
JAI 835
GENDER 109
ANTIDISCRIM 87
JEUN 118
SAN 371

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Kontribuzzjoni dwar l-aspetti marbuta mal-impjegi u l-politika soċjali tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż: rakkomandazzjonijiet dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 lil kull Stat Membru - Approvazzjoni

Fil-kuntest tal-proċess tas-Semestru Ewropew 2022, il-Kummissjoni ppreżentat 27 proposta għal Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (kif elenkati fid-dokument 9601/22) lill-Kunsill fit-23 ta' Mejju 2022.

Is-27 dokument (wieħed għal kull Stat Membru) ġew eżaminati mill-kumitati rilevanti (il-Kumitat tal-Impjiegi, il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, il-Kumitat tal-Politika Ekonomika, il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju/il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju fil-livell ta' Deputati). Ċerti kwistjonijiet ta' sustanza orizzontali ġew eżaminati wkoll f'laqgħat konġunti bil-għan li tiġi żgurata l-konsistenza tar-rakkomandazzjonijiet fost l-Istati Membri.

It-testi tal-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet għal kull Stat Membru, kif jirriżultaw mid-diskussjonijiet tal-Kumitati, jinsabu fid-dokument 9602/22.

Fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-ħidma fil-livell tal-Kunsill, inġat kunsiderazzjoni sħiħa lill-kwistjonijiet trasversali li għandhom jiġu diskussi fiż-żewġ konfigurazzjonijiet tal-Kunsill (EPSCO u ECOFIN).

Il-Coreper huwa mistieden jeżamina l-abbozzi ta' Rakkomandazzjonijiet li jinsabu fid-dokumenti mħejjija għal kull Stat Membru, kif elenkati fid-dokument 9602/22, bil-ħsieb li l-Kunsill (EPSCO) ikun jista' japprova l-kontribut dwar aspetti relatati mal-impjiegi u l-politika soċjali tal-abbozzi ta' Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill għal kull Stat Membru.

Imbagħad, ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi ser jiġu ppreżentati lill-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ġunju 2022 għall-approvazzjoni.

Fl-aħħar nett, il-konfigurazzjoni ECOFIN ser tapprova l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-analiżi fil-fond tal-2022 fil-qafas tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku fit-12 ta' Lulju u ser tadotta r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi.